

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/381

tas-17 ta' Frar 2015

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani, EUPOL COPPS ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-5 ta' Frar 2015, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Rodolphe MAUGET bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL COPPS mis-16 ta' Frar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2015.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/447/PESK ⁽²⁾ estendiet id-durata tal-EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2015.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Rodolphe MAUGET huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL COPPS għall-perjodu mis-16 ta' Frar 2015 sat-30 ta' Ġunju 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mis-16 ta' Frar 2015.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠUL 185, 4.7.2013, p. 12.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/447/PESK tad-9 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU L 201, 10.7.2014, p. 28).